MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 989/1996/1

**Joseph Falzon ghas-socjeta` G & S Falzon Limited**

**v.**

**Marquita Briffa mart Anthony u l-istess Anthony Briffa u b'nota tas-16 ta' Mejju 2005, l-istess Marquita Briffa assumiet l-atti tal-kawza minflok zewgha li jinsab imsiefer**

**Il-Qorti:**

## I IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti mis-segwenti sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla, fis-27 ta' April 2005, fil-kawza fl-ismijiet premessi:

**"Il-Qorti;**

"Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-26 ta’ Marzu 1996 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

"Premess illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ Lm836 (tmien mija u sitta u tletin lira Maltija) bilanc minn somma akbar prezz ta’ provvista u tqieghid ta’ *parquet oak* fil-hanut Swish;

"Premess illi d-debitu hu likwidu, cert u dovut u fil-fehma ta’ l-attur *nomine* il-konvenuta m’ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti biex topponi t-talba ghall-hlas;

"Premess illi l-konvenuta baqghet inadempjenti nonostante interpellazzjoni ufficcjali tal-5 ta’ Ottubru 1995;

"Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess:-

"1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta’ Lm836 bilanc minn somma akbar prezz ta’ provvista u tqieghid ta’ *parquet oak* fil-hanut Swish u dana bid-dispensa ta’ smigh tal-kawza, in vista ta’ l-affidavit ta’ l-attur Dok. A anness ma’ l-att tac-citazzjoni - fit-termini ta’ l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12;

"Bl-ispejjez, inkluza dik ta’ l-ittra interpellatorja tal-5 ta’ Ottubru 1995;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

"Rat id-digriet tat-2 ta’ April 1996 li permezz tieghu l-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi zmien ghoxrin gurnata;

"Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti, ipprezentata fit-12 ta’ April 1996 li permezz taghha huma eccepew:-

"1. Illi l-konvenuti qatt ma kellhom relazzjoni guridika ma’ l-attur *nomine* stante li huma nkarigaw lil Ray Fenech biex iqieghed il-*Parquet oak* fil-hanut Swish;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi pprestaw servizzi u fornituri li ma kienux tal-kwalita` accettabbli u mhux skond l-arti u s-sengha;

"Salvi eccezzjonijiet ohra;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

"Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Gunju 1996 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju AIC Joseph Jaccarini biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

"Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert nominat li tinsab a fol. 108 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2004;

"Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

"Rat in-nota ta’ sottomissjonijietipprezentata mill-konvenuti fit-23 ta’ Dicembru, 2004 u n-nota responsiva tas-socjeta` attrici pprezentata fit-18 ta’ Frar 2005; kif ukoll ir-replika tal-konvenuti pprezentata fl-10 ta’ Marzu 2005;

"Rat l-atti kollha tal-process;

"Ikkonsidrat:-

"L-azzjoni tas-socjeta` attrici hi diretta ghall-hlas tas-somma specifikata fic-citazzjoni ghall-provvista u tqeghid ta’ *parquet flooring* fil-hanut tal-konvenuti. Kontra din il-pretensjoni l-konvenuti jiddefendu ruhhom bl-eccezzjoni duplici illi huma qatt ma kellhom relazzjoni negozjali mas-socjeta` attrici u, f’ kull kaz, ix-xoghol kien jiddifetta billi ma

kienx tal-kwalita` accettabbli u mhux skond l-arti u s-sengha;

"Huwa ta' vitali mportanza ghad-diskussjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati illi jigu akkuratament ri-epilogati l-fatti principali tal-kawza:-

"(1) Il-konvenuti htiegilhom jaghmlu *refurbishing* tal-hanut taghhom f' tas-Sliema u ghal dan l-iskop inkarigaw lis-socjeta` Bryx Limited, rapprezentata minn Raymond Fenech, bil-kompitu ta' l-immaniggjar tal-progett. Skond il-konvenuta (ara Affidavit a fol. 34) din is-socjeta` kellha tiehu hsieb l-iddisinjar tal-fond, il-kommissjonar tal-kuntratturi ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, u l-kontrollar ta' l-ezekuzzjoni u verifika ta' l-istess xoghlijiet;

"(2) Is-socjeta` attrici giet ikkontattjata mill-precitata socjeta` Bryx Limited biex din tipprovdi *parquet flooring* fil-hanut. Intghazel il-kampjun, intlahaq ftehim fuq il-prezz u s-socjeta` attrici ghaddiet ghat-tqeghid tieghu, eccetto l-i*skirting*;

"(3) Meta eventwalment sar ix-xoghol u s-socjeta` attrici rreklamat il-hlas, il-konvenuti rrezistew din it-talba in bazi ghall-assunt illi fuq il-parir ta' l-arkitett taghhom il-*parquet* kien "*unsuitable for the use required*". Ara ittra datata 21 ta' Dicembru 1994 tar-rapprezentant legali tal-konvenuti esebita a fol. 70;

"(4) Ghal dak li jikkoncerna x-xoghol *de qua* r-rapport redatt mill-Arkitett Nicholas Samut-Tagliaferro (fol. 87), inkarigat mill-konvenuti, jistabilixxi illi kien hemm diversi mankanzi fih. Essenzjalment, "*the skirting was shoddily nailed to the wall and the connecting joints were not trimmed flush*." Ma kienx lanqas accettabbli "*the fixing around the perimeter of the stairwell to the basement*" u "*the parquet round the perimeter of the stairwell overlaps the retaining one course blockwork*", u li s-"*sub-floor was not levelled before laying*";

"Premessi dawn il-fatti, il-perit tekniku nominat minn din il-Qorti ssottometta dawn ir-riljievi:-

"(1) It-tip ta' *flooring* kif wiehed jiddefinixxi *parquet flooring* jikkonsisti f' sistema diversa minn dik addottata f' dan il-kaz konsistenti fil-"*propriety product*" maghruf bl-isem ta' Rowi Parket skond il-katalogu a fol. 59. Dejjem fl-opinjoni tal-perit relatur "il-*parquet* jikkonsisti fi blokki ta' injam tat-tip *hardwood* li jitqieghed fuq wicc ippreparat u fuq saff ta' *bitumen* kuntrarju ghal dak li jsir meta tintuza kolla hekk msejha *propriety adhesive*";

"(2) Jibqa' pero` bhala fatt li l-kampjun provvdut mis-socjeta` attrici gie maghzul u accettat mill-konvenuti;

"(3) Il-*parquet* tqieghed mis-socjeta` attrici fuq l-art li sabet ippreparata. Skond il-perit tekniku l-art kienet fil-parti l-kbira kif kellha tkun ghalkemm ma jonqosx milli jirrileva illi din setghet giet imqatta, in partikolari hdejn it-targa konducenti ghall-*basement*, biex b' hekk jigi evitat dislivell;

"(4) Ciononostante, l-istess espert tekniku jirrimarka li l-livellar ta' taht il-*flooring* ma kienx ir-responsabilita` tas-socjeta` attrici. B' danakollu, huwa jissottometti wkoll li s-socjeta` attrici kienet fl-obbligu jekk, irrizultalhom dan, li ma jqeghdux il-*flooring* izda li jinfurmaw lil min kien responsabbli b' din il-mankanza biex seta' jsir ix-xoghol necessarju biex il-livell korrett jigi ottenut ghat-tqeghid tal-*parquet flooring*;

"(5) Ghalkemm gie konstatat minnu li xi tqeghid ta' dan il-*flooring* ma sarx skond l-arti u s-sengha ghar-raguni accennata tad-diversita` fil-livelli, l-istess perit tekniku, oltre li bosta drabi enfasizza n-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni u ta' kontroll da parte tal-*project manager* jew "*turnkey contractor*" kif isejjahlu, la darba s-socjeta` attrici thalliet tezegwixxi x-xoghol, u dan fil-parti l-kbira kien ta' natura accettabbli, din kellha tigi kkumpensata ghalih, eccetto ghal dak ix-xoghol li ma sarx kif kellu jkun kif ukoll ghal dak li ma sarx, *ad exemplum*, l-i*skirting;*

"(6) In vista tal-premess, il-perit tekniku wasal ghal konkluzjoni illi mis-somma reklamata ghandu jitnaqqas l-ammont ta' mija u sittax-il lira Maltija (Lm116);

"F'dan l-istadju jixraq li tigi stabbilita x-xorta ta' rapporti guridici li jirrizultaw f' dan il-kaz;

"Jidher li huwa terren komuni bejn il-kontendenti illi l-progett u direzzjoni tax-xoghlijiet kienet mill-konvenuti affidata lis-socjeta` Bryx Limited tramite r-rapprezentant taghha Raymond Fenech. In kwantu tali din is-socjeta` kellha l-veste ta' rapprezentant tal-konvenuti kommittenti ghall-iskop mahsub li jigi assikurat li x-xoghlijiet assenjati lid-diversi kuntratturi jew fornituri ta' servizzi jkunu teknikament esegwiti sew. Dan il-*project manager* ossija direttur tax-xoghlijiet kellu allura jikkontrolla l-izvolgiment tax-xoghlijiet, ir-regolarita` u l-andament tajjeb taghhom;

"Jinsab enuncjat mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**Kaz Nru. 15124, 28 ta' Novembru 2001**) illi "*in tema di responsabilita` conseguente a vizi o difformita` dell' opera appaltata, il direttore dei lavori per conto del committente, sebbene presta un' opera professionale in esecuzione di una obbligazione di mezzi e non di risultati, poiche è chiamato a svolgere la propria attivita` in situazioni involgenti l' impiego di peculiari competenze teniche, deve utilizzare le proprie risorse intellettive ed operative per assicurare, relativamente all' opera in corso di realizzazione, il risultato che il committente – proponente si aspetta di conseguire, onde il suo comportamento deve essere valutato non con riferimento al normale concetto di diligenza, ma alla stregua della 'diligentia quam in concreto'; costituisce, pertanto, obbligazione del direttore dei lavori l' accertamento della conformita` sia delle progressiva realizzazione dell' opera al progetto, sia delle modalita` dell' esecuzione di essa alle regole della tecnica. Conseguentemente non si sottrae a responsabilita` ove ometta di vigilare e di impartire le opportune disposizioni al riguardo, nonche di controllarne l' ottemperanza da parte dell' appaltatore ed, in difetto, di riferirne al committente";*

"Naturalment dan appena enuncjat jirrigwarda r-rapport intern bejn il-kommittent u d-direttur tax-xoghlijiet. *Qua* rapprezentant u mandatarju tal-kommittent huwa jgib it-terzi li maghhom jikkontratta f' relazzjoni mal-mandanti tieghu. Li jfisser li dan ghandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkontratta skond is-setghat li jkun tah [Artikolu 1880 (1), Kodici Civili]. Minn dan jitnissel illi, apparti r-rilevanza li ghamel il-perit tekniku tal-kuntatt dirett bejn il-konvenuti u s-socjeta` attrici, il-konvenuti huma obbligati li jaghmlu tajjeb bi hlas proprji ghax-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici u ghall-materjal fornit;

"In bazi ghal din il-konsiderazzjoni ma jistax, la guridikament u lanqas logikament, jigi accettat illi ma kienet tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti meta x-xoghol kommissjonat gie accettat u ezegwit. Jekk, imbaghad, dan ix-xoghol kienx adattat jew le hi materja ri-entranti fl-ezami tat-tieni eccezzjoni. Hi din li issa din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina;

"Jibda biex jigi rilevat illi n-nuqqas ta' kontroll u verifiki li l-perit tekniku jaddebita lis-socjeta` Bryx Limited ma jgibx ghal daqshekk illi s-socjeta` attrici li ezegwiet ix-xoghol ma tistax tigi ritenuta responsabbli jekk, terminat dan ix-xoghol, jigu kkonstatati difetti fih. Il-htija tas-socjeta` attrici, jekk tokkorri, ma tistax tigi eskluza aprioristikament minhabba l-fatt li d-direttur tax-xoghlijiet naqas li jikkontrolla x' kien qed isir. Irid jinghad ukoll illi r-rizultat tal-verifiki kondotti mill-perit *ex parte* tal-konvenuti jirrapprezenta accertament tekniku unilaterali li minnu nnifsu ma jivvinkolax lil min esegwixxa x-xoghol u lanqas ma jikkostitwixxi ghall-gudikant fonti objettiva ta' accertament ta' htija f' min kien inkarigat mill-istess xoghol;

"Indubitament, l-obbligazzjoni ta' min jippresta l-operat tieghu hi dik li jaghmel xoghol tajjeb, ezenti minn vizzji u difformita` fl-ezekuzzjoni. Dan hu rikavabbli mill-principji generali tad-dritt fil-kaz ta' min hu affidat bl-adempiment tax-xoghol. Ghaldaqstant dan jibqa' responsabbli f' kaz li tirrizulta mperfezzjoni fl-opra ezegwita, u ma jkunx jista'

jittrincera ruhu wara l-konkors tal-kolpa f’ min kien responsabbli mill-kontroll u direzzjoni tal-progett. Kull wiehed minnhom logikament igorr ir-responsabilita` proprja tieghu. Ara a propozitu sentenzi a **Vol. XXXVII P III p 883; Vol. XLVI P III p 746** u **Vol. XXVII P I p 374**;

"F’dan il-kaz il-konvenuti jikkontendu li x-xoghol li sar mis-socjeta` attrici ma kienx ta’ kwalita` accettabbli u skond l-arti u s-sengha. Incidentalment, tali affermazzjoni minnha nnifisha tennewtralizza d-difiza tan-nuqqas tar-relazzjoni guridika. Dan ghar-raguni illi l-addebitu li l-konvenuti jaghmlu lis-socjeta` attrici ta’ l-ezekuzzjoni mperfetta tax-xoghol ma tistax hlief tikkostitwixxi addebitu ta’ kolpa kontrattwali. Ara **Kollez. Vol. XXXVIII P I p 292**. *Ergo*, dan jipprova li rabta kien hemm u din kienet wahda kontrattwali u ghalhekk guridika;

"Hi gurisprudenza konkordi illi “l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi mplicita` ... Jekk hu jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita` minhabba li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent” (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Jinkombi ghalhekk b’ dover fuqu “*di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizzievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell’ arte*” (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**). L-obbligu tieghu jibqa’ dak li jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**). Mhux hekk biss pero`. Il-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, irriteniet illi min hu affidat bil-kummissjoni tax-xoghol “ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’ mod li ‘l quddiem juri difetti. F’ kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru ‘l quddiem”. (“**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***”, 27 ta’ Marzu 1972);

"Anke jekk mhux bi kliem ezattament identici din l-espressjoni ta’ opinjoni fuq il-materja, kif fuq manifest, ma jidherx li sfuggiet l-attenzjoni tal-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu;

"Dan premess, fuq il-punt tad-difetti, hu xieraq li jigi konsiderat illi kien jikkompeti lill-konvenuti diversi opzjonijiet, dipendenti fuq ix-xorta tad-difetti riskontrati. Setghu kieku riedu, una volta verifikati mill-perit taghhom, ghaddew ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt. Huma pero` baqghu passivi u minflok ghazlu li jirrezistu t-talba ghall-hlas. Biex jirnexxielhom fid-difiza li ghal tali talba jopponu l-"*exceptio non rite adempleti contractus*" irid jirrizulta li d-difetti jkunu ta' certa gravita. Ara, a propozitu, "**Francis Spiteri *nomine* -vs- Emmanuele Cassar**", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975;

"Skond il-perit tekniku din il-gravita` tinsab eskluza fil-kaz tax-xoghol in diskussjoni. Huwa fil-fatt, kif gja aktar 'il fuq rilevat, jiddikjara li fil-parti l-kbira x-xoghol kien ta' natura accettabbli. F' sitwazzjoni bhal din jinsab deciz illi una volta l-kommittent ikun zamm ix-xoghol ezegwit u uzufruwixxa ruhu minnu wkoll, u dippju d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali b' mod li jipprivaw il-haga mill-iskop jew utilita` taghha, isegwi li min ezegwixxa x-xoghol ma jistax jigi ritenut inadempjenti imma jibqa' obbligat li jirripara d-difett jew jaccetta riduzzjoni. Ara **Kollez. Vol. XXX P III p 433** u "**John Bonnici *proprio et nomine* -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994;

"Dan precizat, dak li ppreokkupa l-Qorti f' dan il-kaz jikkoncerna l-kwestjoni jekk il-perit relatur stabbilixxiex ir-riduzzjoni ghal fatt tan-nuqqas fit-tqieghed ta' l-i*skriting* jew anke minhabba d-difett li l-parti mit-tqieghid tal-*parquet flooring* hdejn it-tarag ghal kantina sar meta l-livell ta' l-art ma kienetx uniformi u nholoq dislivell. Dan qed jinghad peress illi filwaqt li l-perit tekniku jinnota li xi tqeghid ta' dan il-*flooring* ma sarx skond l-arti u s-sengha, fil-parti konkluzjonali tar-rapport jesprimi ruhu fis-sens illi ghalkemm "ma kienx jirrizultali li dak li hu rikjamat fil-kont mibghut lill-konvenuti mhux verosimili hlief ghat-tnaqqis li ghandu jsir fil-konfront ta' dak ix-xoghol li ma sarx bhal ma hu l-i*skirting*". Jitnissel minn dan illi t-tnaqqis propost mill-perit ta' mija u sittax-il lira (Lm116) kien "ghal dawk il-mankanzi" li s-socjeta` attrici "ma esegwietx". Jekk din hi l-interpretazzjoni korretta li din il-Qorti qed tattribwixxi lill-

hsieb tal-perit tekniku, ifisser li dan ma ghamelx provvediment ghal dik il-parti tax-xoghol ta' tqeghid li ma sartx sew u skond l-arti u sengha. Dan, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, ma jaghmelx haqq mal-konvenuti, u ghalhekk ser tghaddi biex "*arbitrium boni viri*" tirreduci ulterjorment l-ammont reklamat b' hamsin lira (Lm50). Dan biex tevita r-rimessjoni mill-gdid tal-materja lill-perit tekniku u b' hekk tevita dilungar u spejjez zejda, anke ghaliex din il-kawza issa ilha pendenti disa' snin.

"Ghal dawn il-motivi;

"Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment tat-talba ta' l-attur *nomine* tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istess attur *nomine* s-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltija (Lm670) ghall-provvista u tqeghid ta' *parquet flooring* fil-hanut tal-konvenuti;

"L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jitbatew mill-kontendenti fil-proporzjoni ta' kwinta parti (1/5) mill-attur *nomine* u erba' kwinti (4/5) mill-konvenuti."

**<u>II L-APPELL</u>**

2. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors pprezentat minnhom fis-16 ta' Mejju, 2005. In sintesi, huma ressqu zewg aggravji u cioe`:

(a) illi ma kienx hemm relazzjoni guridika diretta bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti konjugi Briffa; u

(b) li l-ewwel Qorti accettat biss *in parte* illi x-xoghlijiet ma kenux ta' kwalita` accettabbli u li ma kenux skond l-arti u s-sengha.

Wara li l-appellanti spjegaw dawn l-aggravji taghhom dettaljatament, huma talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` attrici.

3. Is-socjeta` attrici kkontestat l-appell b'risposta pprezentata fis-27 ta' Marzu, 2006. Hemmhekk, gie

spjegat ghaliex, fil-fehma tas-socjeta` attrici, l-aggravji dedotti mill-appellanti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-istess aggravji kontenuti fl-appell odjern u tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Il-fatti essenzjali li taw lok ghall-kawza huma sostanzjalment migjuba korrettement fis-sentenza appellata u ghalhekk ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tirrepetihom hawn. Ghalhekk sejra tghaddi minnufih biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti.

5. Bl-ewwel aggravju l-appellanti jikkritikaw is-sentenza appellata in kwantu din ikkonkludiet li kien hemm relazzjoni kontrattwali diretta bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti. Il-konvenuti appellanti jsostnu dan li gej:

i. illi huma kienu inkarigaw lis-socjeta` Bryx Limited biex tiehu hsieb ix-xoghlijiet gewwa l-hanut taghhom f'Tas-Sliema kif ukoll biex tinkariga lill-kuntratturi, u l-appellanti kienu ghamlu prova ta' dan. Din il-prova ma gietx kontradetta mis-socjeta` attrici, li, min-naha taghha, naqset milli taghmel prova li nghatat inkarigu dirett mill-konvenuti;

ii. illi n-negozjati dwar il-prezzijiet kienu jsiru ma' certu Ray Fenech, u l-konvenuta Marquita Briffa qatt ma ltaqghet mas-socjeta` attrici;

iii. illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li x-xoghol ma kienx accettabbli ma tistax tigi interpretata bhala konferma ta' relazzjoni kontrattwali mas-socjeta` attrici, kif irriteniet l-ewwel Qorti, peress illi din it-tieni eccezzjoni nghatat minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni;

iv. l-appellanti jirritjenu illi l-ewwel Qorti malajr ikkonkludiet illi Bryx Limited kienet semplici rapprezentant jew mandatarju tal-konvenuti. Jallegaw illi s-sentenza citata mill-ewwel Qroti, cioe` dik tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, semplicement tghid li persuna inkarigata bis-supervizjoni trid tapplika l-energija u attenzjoni taghha u

tippresta certa diligenza.  Isostnu illi b'daqshekk, l-ewwel Qorti ma indirizzatx il-punt rilevanti, u cioe` jekk Bryx Ltd. kenitx biss mandatarja tal-konvenuti u ghalhekk rabtet lilhom direttament fil-konfront ta' l-attrici jew jekk din Bryx Ltd. kenitx hi stess li dahlet f'relazzjoni diretta mas-socjeta` attrici kif ukoll ma' *sub-contractors* ohrajn.  L-appellanti huma tal-fehma illi dan il-punt kien jimmerita konsiderazzjoni akbar, fl-aspett ta' evalwazzjoni ta' provi."

6.  Din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti li l-ewwel Qorti ma kenitx tant korretta meta affermat illi t-tieni eccezzjoni, li biha l-konvenuti kienu qeghdin jikkontendu li x-xoghol li sar mis-socjeta` attrici ma kienx ta' kwalita` accettabli u skond l-arti u s-sengha, kienet dikjarazzjoni li minnha nnifisha tinnewtralizza d-difiza tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika moghtija fl-ewwel eccezzjoni.  Din il-Qorti qed tghid hekk ghaliex jirrizulta li t-tieni eccezzjoni nghatat minghajr ebda pregjudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u naturalment li kieku ntlaqghet l-ewwel eccezzjoni, l-ewwel Qorti ma kienx ikollha bzonn li tidhol fil-mertu tat-tieni eccezzjoni.

7.  Apparti minn dak li ghadu kif intqal fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti jidhrilha li l-appellanti m'ghandhomx ragun b'dana l-ewwel aggravju taghhom. Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li hemm certu konflitt fil-provi dwar il-meritu intrinsiku ta' din l-eccezzjoni.  Infatti, filwaqt li Anthony Falzon, direttur tas-socjeta` attrici xehed li huwa kellu kuntatt dirett mal-konvenuta qabel ma nbeda x-xoghol in kwistjoni, il-konvenuta cahdet dan.  Infatti a fol. 151 tax-xiehda dattilografata li ta Anthony Falzon in kontro ezami, insibu hekk:

"Domanda: Min tak l-inkarigu qabel ix-xoghol?

"Risposta:  Dana avvicinani s-Sur Rupert Cefai u saqsieni fuq il-*parquet* ghal bicca xoghol f'hanut Tas-Sliema, u dakinhar stess tajtu *sample*, dettalji u l-prezz.  Wara xi jumejn kien rega' avvicinani u saqsieni jekk jistax ikun hemm "reduction" ta' ghaxra fil-mija fuq il-prezz u l-izjed haga importanti li jitqieghed u jinbeda fl-iqsar zmien possibbli.  Huwa kien qalli biex immur fuq il-post u nkellem lill-proprjetarja fuq ix-xoghol.

"Domanda: Kif ipproceda?

"Risposta: Kont iltqajt mal-konvenuta u spjegajtilha x-xoghol kif kien sejjer jitqieghed u minn hemm beda ix-xoghol." (enfasi ta' din il-Qorti)

Fis-seduta mizmuma mill-perit tekniku fis-7 ta' April 2000, il-konvenuta, *inter alia*, xehdet hekk, fuq din ix-xiehda ta' Anthony Falzon:
"Ghal dan kollu rrid nghid, jiena ma' Anthony Falzon qatt ma ltqajt mieghu qabel beda x-xoghol u wisq anqas ma qatt spjegali kif kien sejjer jitiwahhal dan il-*parquet*." (enfasi ta' din il-Qorti)

Ghalkemm hemm dan il-konflitt fil-provi dwar dak li ezattament sar bejn il-konvenuta u Anthony Falzon qabel beda x-xoghol, jirrizulta car li, wara li gie esegwit ix-xoghol, kemm il-konvenuta u kif ukoll il-konvenut ittrattaw direttament mas-socjeta` attrici meta wasslulha l-ilmenti taghhom dwar il-mod, mhux accettabbli ghalihom, kif gie esegwit ix-xoghol. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tali kuntatt dirett bejn il-kontendenti jikkorrabora t-tezi accettata mill-ewwel Qorti li t-*turnkey contractor* (cioe` s-socjeta` Bryx Ltd, kif rapprezentanta minn Raymond Fenech u d-designer tieghu Rupert Cefai) kellhom rwol ezattament ta' rapprezentanti u mandatarji tal-kommittenti (cioe` tal-konvenuti). Allura f'dan il-kuntest, kienet applikabbli r-regola kontenuta fl-Artikolu 1880(1) tal-Kodici Civili, kif sewwa kkonkludiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

8. Fit-tieni lok, b'dana l-aggravju l-appellanti qajmu kwistjoni dwar jekk is-socjeta` Bryx Ltd kenitx biss mandatarja tal-konvenuti jew jekk din kenitx qieghda tidhol f'relazzjoni diretta mas-sub-appaltaturi li kienu qeghdin jesegwixxu x-xoghlijiet fil-hanut tal-konvenuti. Hija haga minn ewl id-dinja illi biex jigi stabbilit ezattament l-indoli legali tar-rapport intern li kien jezisti bejn il-konvenuti u din is-socjeta` Bryx Ltd, kellu qabel xejn jigi ezibit il-kuntratt li minnu titwieled din ir-relazzjoni. Din il-prova kienet tispetta li ssir mill-konvenuti. Konxja minn dan, il-

konvenuta xehdet hekk, fis-seduta mizmuma mill-perit tekniku fis-27 ta' Ottubru 1999 (ara fol. 83 A tal-process):
"Ghandi niccara illi jiena kelli kuntratt ma' Bryx Ltd li kienet tigi rapprezentata minn Ray Fenech u kull arrangamenti li ghamilt, saru mieghu.

Dana kellu jahdem mieghu *designer* Rupert Cefai, u kellu kuntratt mas-socjeta` Bryx Ltd. li jsegwi x-xoghol tal-hanut. Nipprometti li nesebixxi kopja fis-seduta li jmiss." (enfasi ta' din il-Qorti)

Il-konvenuta naqset li tesebixxi dan il-kuntratt, kif naqset ukoll li tesebixxi l-pjanta li semmiet waqt ix-xiehda taghha tas-7 ta' April 2000, cioe` l-pjanta ta' l-Arkitett u Inginier Civili Samut Tagliaferro. Hemmhekk, il-konvenuta ppromettiet li f'seduta ohra tipproduci din il-pjanta kif ukoll id-dokument li jistabbilixxi meta ntbaghat l-ewwel kont tas-socjeta` attrici. Madanakollu, din il-promessa baqghet ma twettqitx. Huwa sinifikattiv ukoll illi l-imsemmija Rupert Cefai u Ray Fenech ma gewx prodotti mill-konvenuti biex jixhdu f'din il-kawza. Ghandu jigi rilevat li dawn in-nuqqasijiet sinjifikanti fil-provi tal-konvenuti ma sfuggewx lill-perit tekniku, kif jirrizulta mir-relazzjoni tieghu ezattament a fol. 128 u 129 tal-process.

9. Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti naqsu li jipproducu l-ahjar prova li kienet tindika ezattament x'tip ta' relazzjoni kien hemm bejniethom u s-socjeta` Bryx Ltd. Din il-prova kienet tmiss lill-istess konvenuti appellanti ghaliex si tratta ta' prova affermattiva u mhux prova negattiva. Ghalhekk il-massima citata minnhom fir-rikors ta' l-appell taghhom u cioe`"*actore non probante reus absolvitur*", fil-verita`, tahdem u ghandha effett, kontra l-istess appellanti u mhux favorihom.

10. Fil-kuntest ta' dan l-ewwel aggravju, hija rilevanti wkoll ir-rimarka kontenuta fir-risposta ta' l-appell tas-socjeta` attrici u cioe` li ghal dak li ghandu x'jaqsam u mal-konsistenza u l-kredibbilita` tal-konvenuti, kien xieraq li ssir riferenza ghall-fatt li meta l-istess konvenuti gew interpellati qabel il-kawza li jhallsu l-ammont in kwistjoni, huma ma qajmu l-ebda kwistjoni li ma kellhomx relazzjoni

jew rabta kontrattwali mas-socjeta` attrici, izda llimitaw ruhhom biex jilmentaw mill-kwalita` tal-materjal li ntuza. F'din l-ittra, li tinsab esebita a fol. 70 tal-process, semplicement jinghad:

*"You are advised that the parquet in question, on architect's advice, is being refused since it is unsuitable for the use required.*

*The invoice in question is being returned, attached."*

11. Michud l-ewwel aggravju ta' l-appellanti, il-Qorti sejra issa tezamina t-tieni aggravju taghhom. B'dana l-aggravju, l-appellanti qeghdin jirrilevaw fl-ewwel lok, li kemm il-perit tekniku u kemm ukoll l-ewwel Qorti kienu kkonkludew li l-materjal uzat mis-socjeta` attrici fil-hanut ta' l-appellanti ma kienx wiehed addattat biex jintuza' fuq l-art ta' dan il-hanut, ghaliex il-materjal uzat ma kienx wiehed industrijali izda kien materjal ta' uzu domestiku. L-appellanti rrilevaw ukoll li kemm il-perit tekniku u kemm ukoll l-ewwel Qorti kienu waslu ghall-konkluzjoni li t-tqeghid ta' dan il-materjal ma sarx skond l-arti u s-sengha. L-appellanti jilmentaw li nonostante dawn il-konkluzjonijiet, li juru li x-xoghol ma giex esegwit sewwa mis-socjeta` attrici, xorta wahda l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuti li jhallsu. Inoltre, jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet injorat il-fatt li l-materjal li tpogga mis-socjeta` attrici kellu jitnehha ghaliex dan kien perjodikament jespandi u jickien. L-unika soluzzjoni li offriet is-socjeta` attrici ghal dan id-difett kien li perjodikament, il-genb ta' l-injam taht l-i*skirting* kellu jigi maqtugh. L-appellanti jsostnu li l-punt krucjali kien li x-xoghol esegwit ma kienx accettabbli u li r-rapport tekniku kien fih diversi kontradizzjonijiet.

12. F'dana t-tieni aggravju taghhom il-konvenuti appellanti jikkritikaw is-sentenza appellata minhabba li din ghamlet tnaqqis sproporzjonat, kwazi negligibbli, mis-somma pretiza mis-socjeta` attrici, meta l-istess tnaqqis jigi komparat ma' l-entita` tan-nuqqasijiet riskonstrati fl-ezekuzzjoni tax-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici. L-appellanti kkummentaw illi l-*area* tal-hanut *de quo* hija hamsa u erbghin metru kwadru u allura kull nuqqas huwa proporzjonalment qawwi, izjed u izjed meta l-akbar

dislivell kellu effett dirett u serju fuq il-ftuh u gheluq tal-bieb principali, punt dan li jirrizulta mill-provi migjuba minnhom.

13. Meta spjegaw dana l-aggravju, l-appellanti rrilevaw ukoll li l-perit tekniku kien ikkonfonda r-rwol tal-Perit Samut Tagliaferro. Huma jghidu li dan il-perit ma kienx il-perit inkarigat mill-progett, imma kien il-konsulent tal-konvenuti. L-appellanti jilmentaw illi x-xiehda tieghu, ghalkemm *ex admissis* kienet wahda *ex parte*, madanakollu, kienet prova teknika u allura ammissibbli, pero` din giet totalment injorata u lanqas biss ikkonsidrata.

14. Din il-Qorti sejra tibda mill-ahhar imsemmi aspett ta' dan it-tieni aggravju. Ezami tar-relazzjoni teknika tal-perit gudizzjarju, kif ukoll tas-sentenza appellata, jindika li m'huwiex minnu li l-prova teknika maghmula tramite x-xiehda tal-Perit Samut Tagliaferro u tac-certifikat minnu esebit (li jinsab a fol. 87 *et seq.* tal-process), giet injorata. Lanqas huma korretti l-appellanti meta jghidu li l-perit tekniku kkonfonda r-rwol tal-Perit Samut Tagliaferro ghax dan ma kienx il-perit inkarigat mill-progett imma kien il-konsulent tal-konvenuti u li tqabbad minnhom wara li gew esegwiti x-xoghlijiet maghmula mis-socjeta` attrici. Din il-Qorti ghandha tirrileva li jekk il-perit tekniku ma kienx korrett fuq din il-kwistjoni, certament huwa ma ghandu l-ebda tort ghaliex il-konvenuta stess jidher li sgwidatu meta xehdet hekk fis-seduta mizmuma mill-perit tekniku fis-7 ta' April, 2000:-
"....ma' Anthony Falzon qatt ma ltqajt mieghu qabel beda x-xoghol u wisq anqas ma qatt spjegali kif kien sejjer jitwahhal dan il-parquet.

Tant hu hekk li kieku spjegali kont nghidlu li kien sejjer iwahhlu kontra d-direzzjoni li kienet deciza u murija fil-pjanta ta' l-AIC Samut Tagliaferro."

15. Wiehed mill-ilment ta' l-appellanti huwa bazat fuq il-parir li kien tahom il-Perit Nicholas Samut Tagliaferro, li kif iddikjara fic-certifikat minnu mahrug u li jinsab esebit a fol. 87 tal-process:

*"The choice of parquet-substitute is, in my opinion, unsuitable for this particular use."*

L-appellanti sahqu illi s-socjeta` attrici ma wahhlitx *parquet flooring* kif suppost, izda materjal inferjuri li l-Perit Samut Tagliaferro sejjahlu "*parquet-substitute*". L-appellanti jenfasizzaw li dan it-tip ta' materjal kien adatt ghal uzu domestiku, izda ma kienx adatt biex jintuza f'negozju, bhal ma kien il-hanut taghhom. Il-perit tekniku dahal f'din il-kwistjoni u spjega ezattament f'hiex jikkonsisti l-"*propriety product*" maghruf bhala "Rowi Parket" importat, mis-socjeta` attrici minghand ditta Olandiza. L-istess perit tekniku spjega d-differenza li tezisti bejn dan it-tip ta' prodott u *parquet flooring* klassiku. Huwa spjega wkoll li l-prodott uzat mis-socjeta` attrici kellu prezz ferm irhas mill-prodott klassiku. L-istess perit tekniku stqarr li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-prodott uzat mis-socjeta` attrici kien jista' jintuza korrettement biex ikun jiflah ghal traffiku ta' tant nies dehlin u hergin min-negozju.

16. Din il-Qorti tahseb li l-perit tekniku ma huwiex kompletament korrett f'din l-asserzjoni. Infatti, ezami akkurat tal-katalogu tar-"Rowi Parket" li jinsab a fol. 59 *et seq*. tal-process jindika li verament il-bicca l-kbira tar-ritratti hemmhekk murija, fejn huwa wzat dan il-prodott, juru xeni ta' uzu domestiku. Madanakollu, a fol. 65 *tergo* tal-process hemm miktub hekk f'dan il-katalogu:
*"The rainbow collection opens doors and offers ideas for businesslike atmospheres as well as residential. Let's take the light grey for the manager, the red specie for the advertising department and the pink for the beauty parlor."*

Evidentement, jekk id-ditta li tforni dan il-materjal kienet qieghda tiddikjara li dan l-istess materjal seta' jintuza wkoll bhala l-paviment ta' *beauty parlor,* is-socjeta` attrici ma ghandha l-ebda tort li offrietu lill-konvenuti biex juzawh fil-hanut tal-hwejjeg taghhom.

17. Apparti dak li ghadu kif inghad fil-paragrafu precedenti, jirrizulta pruvat li s-socjeta` attrici kienet forniet lil Rupert Cefai li kien id-disinjatur tas-socjeta` Bryx Ltd, kampjun tat-tip ta' "*flooring material*" li kien sejjer

jitqieghed fil-hanut u kien irrizulta li dan l-istess kampjun kien intwera lill-konvenuta. Din, min-naha taghha kienet tkellmet ma' Ray Fenech u lil dan tatu l-awtorizazzjoni ghat-tqeghid ta' dak it-tip ta' "*flooring material*" fuq il-paviment tal-fond taghha. Fi kliem iehor, ir-rapprezentanti ta' Bryx Ltd kellhom f'idejhom kampjun tat-tip ta' *flooring* li kien sejjer jitqieghed, u jekk il-konvenuta nghatat minnhom parir tekniku hazin fuq l-adegwetezza ta' dan it-tip ta' materjal li kellu jintuza fil-hanut taghha, certament din il-kwisjtoni messha ratha ma' l-istess nies teknici li kienet qabdet biex jehdulha hsieb id-dekorazzjoni tal-fond taghha. Ma rrizultax li l-perit Samut Tagliaferro kien gie konsultat dwar il-kwalita` ta' *flooring* li kien sejjer jitqieghed la da parti tal-konvenuti u lanqas da parti tar-rapprezentanti ta' Bryx Limited. Jidher li l-Perit Samut Tagliaferro gie konsultat <u>biss</u> wara li l-*flooring* kien maghzul u mqieghed. Konsegwentement, dan l-aspett tat-tieni aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa'.

18. Dwar l-aspett l-iehor ta' dana l-aggravju ta' l-appellanti, u cioe` jekk il-materjal in kwistjoni tqeghidx fuq l-art tal-hanut ta' l-appellanti skond l-arti u s-sengha, il-perit tekniku sab li dan l-ilment kien gustifikat. Anke hawnhekk sfortunatament, is-socjeta` Bryx Ltd li kienet giet inkarigat biex tissorvelja l-ezekuzzjoni ta' l-istess xoghlijiet, jidher li naqset mid-dmirijiet taghha, ghaliex li kieku din ghamlet is-sorveljanza li suppost ghamlet, kieku kienet tinduna *a tempo vergine* bid-difetti li sussegwentement gew riskontrati kemm mill-Perit Samut Tagliaferro u kemm ukoll mill-perit gudizzjarju imqabbad mill-ewwel Qorti. Kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti, ladarba s-socjeta` attrici ghamlet xoghol difettuz kien jikkompeti lill-konvenuti li jutilizzaw diversi opzjonijiet biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom. Jidher li l-konvenuti effettivament ghazlu li jutilizzaw ix-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici, almenu ghal certu tul taz-zmien, u fl-istess hin ghazlu wkoll li jirrezistu t-talba ghall-hlas. Jirrizulta minn fol. 44 tal-process li l-appellanti intavolaw rikors fid-9 ta' Frar 1999, u talbu lill-Qorti li taghtihom provvediment wara li fih spjegaw li huma kienu bi hsiebhom jirrimpjazzaw l-*parquet* mertu tal-kawza minhabba alterazzjonijiet strutturali li kienu se jsiru fil-fond u fil-bini

ta' fuqu. Ghalhekk, minn dan ir-rikors jirrizulta li, ghal aktar minn erba' snin wara li dan il-*flooring* tpogga mis-socjeta` attrici, il-konvenuti baqghu jutilizzaw il-paviment supplit u mqieghed mis-socjeta` attrici. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, biex tali difiza setghet tirnexxi, kien jispetta lill-konvenuti li juru li d-difetti fix-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici kienu serji u ta' certu gravita`.

19. Kif diga` ntqal il-perit gudizzjarju sab diversi difetti li huwa ddeskriva. Irrelata wkoll li l-i*skirting* ma sarx fuq talba tal-konvenuti stess. Jirrizulta mir-relazzjoni ta' dan il-perit gudizzjarju, illi huwa ddikjara <u>li fil-parti l-kbira, ix-xoghol kien ta' natura accettabbli</u>. Kien proprju ghalhekk li, fil-fehma ta' din il-Qorti, x'aktarx li l-konvenuti ddecidew li jzommu x-xoghol esegwit u li huma effettivament komplew juzifruwixxu ruhhom minnu nonostante d-difetti li kien fih. Kif sewwa ddecidiet l-ewwel Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, ladarba rrizulta li d-difetti ma kenux sostanzjali jew tant gravi li jipprivaw lil haga mill-iskop jew utilita` taghha, l-appaltatur ma jistax jitqies li huwa inadempjenti, ghalkemm f'dan il-kaz huwa jkollu l-obbligu li jew jirrepara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz. B'applikazzjoni ta' dawn il-principji, il-perit gudizzjarju ssuggerixxa li jkun hemm tnaqqis tas-somma ta' mija u sitta u sittin lira (Lm166). Dan is-suggeriment gie accettat mill-ewwel Qorti, li inoltre, ziedet hamsin lira ohra ma' dan it-tnaqqis.

20. L-appellanti jillanjaw li dan it-tnaqqis kien wiehed negligibbli ghaliex kien wiehed sproporzjonat meta tqabblu ma' l-entita` tan-nuqqasijiet. Huma semmew li l-*area* tal-hanut in kwisjtoni, kienet biss ta' hamsa u erbghin metru kwadru u allura kull nuqqas huwa proporzjonament qawwi. Kif sewwa rrilevat is-socjeta` attrici fir-risposta ta' l-appell taghha, dana l-argument migjub 'il quddiem mill-appellanti, bazat fuq ir-relattivita` tad-difetti mal-qisien tal-hanut, ma huwiex wiehed affidabbli billi r-relattivita` li jehtieg li tittiehed in konsiderazzjoni hija bejn il-prezz shih ta' l-appalt komparat mal-valur tad-difetti li nstabu fl-esekuzzjoni ta' l-istess appalt.

21. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-appellanti kienu gusti meta ssottomettew li r-rapport peritali kien fih diversi

kontradizzjonijiet. Din il-Qorti ezaminat akkuratament din ir-relazzjoni teknika u l-argumentazzjoni fiha kontenuta jidher li hija ghal din il-Qorti sostanzjalment korretta. Ghandu jigi rilevat ukoll li l-perit gudizzjarju ma giex eskuss mill-konvenuti. Jidher ukoll minn fol. 163 tal-process li, ghalkemm il-konvenuti talbu l-hatra ta' periti addizzjonali ghax kienu jhossuhom aggravati bir-rapport tal-perit tekniku, madanakollu huma ma insistewx ghal din it-talba u llimitaw ruhhom li jipprezentaw nota ta' kritika ghar-rapport kif ukoll ipprezentaw replika, wara li huma rcevew in-nota responsiva tas-socjeta` attrici.

22. Huma kwisjtonijiet strettament teknici dawk il-konkluzjonijiet li jinstabu fis-sentenza appellata u cioe` li x-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici kien, fil-parti kbira tieghu, accettabbli, kif ukoll il-kwisjtoni ta' x'valur wiehed ghandu jaghti lil dawk in-nuqqasijiet u difetti kollha riskontrati fl-ezekuzzjoni ta' l-istess xoghlijiet. Evidentement, ladarba l-appellanti ma utilizzawx il-mezzi l-aktar idoneji u opportuni li taghtihom il-ligi procedurali biex jikkontestaw debitament dawk il-konkluzjonijiet strettament teknici, din il-Qorti ma thossx li hija f'posizzjoni f'dana l-istadju inoltrat tal-kawza - tenut kont tal-provi kollha akkwiziti fil-process - li tiddisturba l-istess konkluzjonijiet teknici. Konsegwentement, dana t-tieni aggravju ta' l-appellanti ma huwiex fondat u ghalhekk ma jistax jintlaqa'.

23. Fl-ahhar parti tar-rikors ta' l-appell taghhom, l-appellanti qajmu kwistjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez. Jilmentaw li l-apporzjonament ta' l-ispejjez maghmul fis-sentenza appellata kien wiehed eccessiv fic-cirkostanzi, tenut kont illi l-ispejjez tar-rapport peritali biss jammontaw ghal hames mija u hamsin lira meta t-talba attrici kienet ta' tmien mija u sitta u tletin lira.

24. Anke fuq din il-kwistjoni tal-kap ta' l-ispejjez l-ewwel Qorti kienet korretta u ddecidiet dan il-kap b'mod gust ghax akkollat l-ispejjez skond ir-rispettiv rebh u telf. Infatti, kalkolu hafif juri li s-somma li gew kkundannati jhallsu l-appellanti lis-socjeta` attrici mill-ewwel Qorti kienet ta' sitt mija u sebghin lira (Lm670), li tirrapprezenta

ezattament tmenin fil-mija (80%) tas-somma mitluba fl-att tac-citazzjoni. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet gusta meta akkollat kwint (1/5) ossija ghoxrin fil-mija ta' l-ispejjez (20%) tal-kawza lill-attur, waqt li r-rimanenti erba' kwinti (4/5) ta' l-ispejjez akkollathom lill-konvenuti.

25. Naturalment, din il-Qorti tapprezza li l-ispejjez f'din il-kawza huma pjuttost ingenti u sproporzjonati meta mqabbla ma' l-entita` pjuttost zghira tas-*sorte*. It-tariffi huma maghrufa u huma dawk li huma u ghalhekk din is-sitwazzjoni il-kontendenti gabuha fuqhom, b'idejhom stess. Evidentement, kienu jiffrankaw hafna spejjez gudizzjarji ta' periti, hela ta' hin u energija kieku hallew il-buon sens imexxihom lejn soluzzjoni amikevoli u bonarja. Kwantu ghal dana l-appell, din il-Qorti qieset li l-ebda wiehed mill-aggravji mressqa mill-appellanti ma gie akkolt minn din il-Qorti u ghalhekk, in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma hemmx lok li din il-Qorti tordna temperament fil-kap ta' l-ispejjez riferibilment ghal dina l-istanza.

**<u>IV DECIDE</u>**

26. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, inkluz il-kap ta' l-ispejjez fiha kontenut u fl-ahharnett tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------